# IL-BANDA Mnarja - 50 sena ta' Ħajja

Jekk il-Parroċċa tagħna s-sena qegħda tfakkar il-50 sena minn meta l-Kolleġġjata get mgħollija għad-dinjita' ta' Bażilka Minuri, daqstant ieħor ilha mwaqqfa s-Soċjeta Filarmonika Banda Mnarja.

Kif għidt meta kont qiegħed nitkellem fuq il-Bażilka, din kienet okkażżjoni li lin-Nadur tagħtu qawmien minn raqda ta' disa' snin sħaħ u ħajja ġdida. Kien propju f'dik is-sena 1967, li grupp ta' rġiel u żgħażagħ b'kuraġġ kbir ħolmu u rnexxielhom jiġbru numru mdaqqas ta' allievi u jibdew jistudjaw il-mużika, mhux biss, imma jitħabtu u jirnexxilhom jixtru dar fi Triq Diċembru 13 u jibdew ukoll jibnu l-Każin tal-istess Banda Mnarja.

Il-Poplu Naduri kif dejjem għamel, għin b'kull mezz posssibli li dan jirnexxi. Barra l-entużjaimu taż-żgħażagħ Nadurin biex jistudjaw u jitħarġu fix-xjenza mużiikali, kulħadd ikkopera mall-Kumitat tal-Banda u kkontribwixxa kemm flus kif ukoll għajnuna.

Dawk it-talin uħud minnhom mejtin, li ħolmu u tħabtu li jwaqqfu l-Banda fin-Nudur jistħoqqilhom mhux biss li jibqgħu jissemmew, imma jimmeritaw kull rikonoxximent , għax li twaqqaf mix-xejn Banda mhux tajt, trid tħajjar lil numru ta' bandisti, tixtri l-art u tibni fiha Kaiin, tixtri l-istrumenti etc. hija tassew biċċa xogħol kbira u iebsa li titlob sens ta' responsabilta dedikazzjoni u kuraġġ kbir.

Matul l-ewwel jiem tat-twaqqif tal-Banda, Mro.Anton Bonnici, kien jitla fin-Nadur kważi kuljum, miegħu ngħaqdu wkoll il-Kanoniċi Dun Martin Portelli u Dun Gużepp Grech li għinu fit-taħriġ tal-mużika. Kif jgħid il-Proverbju Ingliż. "*Where there is a will there is a way'*. Sar progress kbir, tant li fi ftit xhur, fin-Nadur bdejna nisimgħu d-daqq tal-istrument tal-Banda; fejn kien ser jinbena l-Każin tnaddaf u bdew ukoll jitpoġġew il-pedamenti tiegħu. Ġew ordnati l-istrumenti mill-ltalja għand id-Ditta Nani ta' Malta, li għalihom il-Poplu Naduri kkontribwixxa s-somma sabiħa u nkuraġġanti ta' £1800. Dawn l-istrumenti tbierku minn Mons. Isqof Nikol Cauchi f' Novembru tal-istess sena.

Ta' min jgħid hawnhekk li ma din is-somma mdaqqsa, f'dawk il-jiem fin-Nadur nġabru wkoll £90. għat-Tintinnabolo tal-Bażilka, £300 għall-Erwieħ tal-Pugatorju, u £443 għall-Missjoni, barra l-flus li minn xahar għall-ieħor kienu qegħdin jinġabru mill-Kumitati għall-ispejjeż kbar li kienu meħtieġa għall-Festi Ċentinarji li konna sejrin niċċelbraw fl-okkażjoni tad-1900 sena mill-Martirju tal-Appostli San Pietru u San Pawl.

Semmejt l-istrumenti tal-Banda, li Mons. Isqof Ċauchi nhar il-5 ta' Nov. tas-sena 1967 fis-6.30 p.m. bierek quddiem folla numeruża miġbura fil-Pjazza l-Arċ. Martin Ċamilleri, wara diskors kommoventi tal-Pijunier u President tal-Banda Mnarja s-Sur Ġużeppi Ċurmi. Niftakar qisu bħalissa, nara tant uċuh ferħana jassistu għal din iċ-ċerimonja li kompliet tentużjażma u tfawwar bil-ferħ lill-Poplu Naduri, mimli stennija li jara u jisma' għall-ewwel darba l-Banda Mnarja ddoqq fil-Parroċċa tagħna.

L-Emigranti Nadurin fl-Amerika ppreżentaw 4 stendardi lill-Banda, li kienet iffurmata minn 49 bandist, li taħt id-direzzjoni ta' Mro Anton Bonniċi, kienu qegħdin jippreparaw bis-sħiħ, ħalli fil-Festi Kbar li għamilna fiċ-Ċentinarju tal-Martirju, joħorġu jdoqqu għall-ewwel darba.

Iż-żmien gerbeb u l-Ħolma ta' Banda fin-Nadur saret rejalta'. F'Ġunju tas-sena ta' wara, jiġifieri tas-sena 1968, fin-Nadur saru festi kbar li qatt ma saru bħalhom, u bir-raġun, għax dawn il-Festi kienu jfakkru mhux biss il-Martirju tal-Patruni tagħna,imma fuq kollox l-għoti tal-Bażilka lill-Kolleġjata tagħna. Għal dawk il-Festi, kien mistieden l-E.T. l-Kardinal Giuseppe Ferretto, diversi Isfqijiet, Kapitli Maltin u Għawdxin, mhux inqas minn 5 Baned Maltin fosthon La Vallette u King's Own. L-Emigranti tagħna fl-Amerika, Kanada u Ingilterra ġew bi ħġarhom.

Il-Festi ta'dik is-sena bdew nhar il-Ħadd 16 ta' Ġunju meta fl-4.OOp.m il-Banda Mnarja mmarċjat għall-ewwel darba mill-Pjazza Art. Martin Camilleri sal-Bażilka, fejn laqgħet lill-E.T. Mons. Isqof Cauchi għat-Translazzjoni tal-Festi. Ta' min jgħid li f'dawk il-Festi li matulhom kuljum kellna fostna baned differenti,il-Banda Mnarja għamlet mhux inqas minn 10 servizzi. Għal dik is-sena, il-Banda Mnarja kellha sett ta' Marċi ,wħud tas-Surmast Vinċenzo Ċiappara u oħrajn ta' Mro. Bartolućċi. Inkiteb ukoll l-lnnu tal-Banda, (**Għad-dell Tieqħek Stendart Aħmar**) mis-Sur Ġużeppi Borg Attard li kien immużikat minn Mro. Ciappara.

Kumment minn ġurnal ta' dawk il-jiem kien jgħid:- "*Kemm is-Sigriet tas-suttess huwa r-rieda tajba, tapprovah l-inawgurażżjoni tal-lmnarja Band tan-Nadur, li ser isir għada , sewwa sew ħdax-il xahar mindu Kumitat ta' ftit nies, fettillu jifforma Banda minn individwi li qatt ma kienu semgħu ħjiel ta' grammatika mużikali*'.

*"Daqqa t'għajn lejn il-ftit xhur li fihom ġiet iffurmata u bdiet il-ħajja tagħha l-Banda Mnarja jixħet id-dedikazzjoni u kuraġġ tal-ewwel Kumitat li mix-xejn, irnexxielhom mhux biss jiġbru madwarhom l-ewwel bandisti, jixtru l-istrumenti,jixtru l-art u jibdew jibnu l-Każin tal-Banda, fil qalba tal-Komunita'. Is-sens tan-Nadurin għin ħafna biex ingħelbu xi diffikultajjiet finanzjarji, li fil-każ ta' intrapriża bħal din ma jonqos qatt"* (Orrizzont tal-Ġimgħa 14 ta' Ġunju 1968).

Inkiteb innu ieħor għall-Banda Mnarja, din id-darba mis-Sur Joe Muscat fl-Awstralja li l-ewwel Strofa tiegħu kienet tgħid:- " *Minn qiegħ qalbna nsellmulek Banda tagħna tan-Nadur, bil-kuraġġ l'int urejtna, lilna għamilt tant kbir unur'*.

Mill-ewwel, il-Banda Mnarja ntlaqgħet bil-ferħ u mħabba mhux biss minna n-Nadurin, imma tista' tgħid matul dawk l-ewwel snin, kienet tiġi mistiedna ddoqq kważi fil-Festi kollha ta' Għawdex. Sitt snin wara l-bidu tagħha, il-Banda tagħna ħarġet saħansitra 'l barra minn xtutna, fejn marret fi Sqallija għall-Festi Titulari tal-Bliet ta' Randazzo u Acicatena qrib Katanja, li l-popolazzjoni ta' kull waħda minn dawn il-Bliet kienet tgħodd 'il fuq minn 12,000 ruħ. Fost l-oħrajn, il-Banda Mnarja fil-Festa tal-Assunta, għamlet Programm Mużikali fil-Pjazza Muniċipali tal-post u ġiet milqugħa b'ċapċip kbir, barra l-kummenti sbieħ u nkuraġġanti li nkitbu fil-Ġurnali tal-post.

Fis-Sena 1992 il-Banda Mnarja ċċelebrat il-Ġublew tal-Fidda tagħha. Nhar is-Sibt 28 ta' Novembru ta' dik is-sena nfetħu ċ-ċelebrazzjonijiet b'Quddiesa Konċelebrata fil-Bażilka minn Mons. Isqof Cauchi flimkien mall-Kapitlu u Kleru tal-Parroċċa. Kien dak in-nhar li mmedjatament wara dan il-Pontifikal, tbierku 22 strumenti ġodda li ħadu post uħud mill-istrumenti l-qodma. Ħadet sehem il-Banda Mnarja, waqt li wħud mill-Membri animaw il-Quddiesa, u tellgħu lofferti. Wara dan il-Pontifikal, il-Banda għamlet marċ mill-Bażilka sal-Każiin, fejn xi Benefatturi għamlu offerti għall-ispiża kbira ta' £12,500, li saret fix-xiri ta' l-istrumenti l-ġodda li tbierku dak in-nhar. Ġabra oħra kienet saret fil-parroċċa kollha fl-istess ġimgħa u għall-istess fini.

**IL-BANDA MNARJA fl-ltalja**

Bejn l-ewwel u t-8 ta' Ottubru 1996, għat-tieni darba l-Banda tagħna reġgħet ħarġet 'il barra minn xtutna għal mawra fl-ltalia. Numru ta' Nadurin akkumpanjaw il-Banda din id-darba f'San Remo l-Belt tal-Mużika u l-Fjuri, fejn il-Banda ħadet sehem f' marċ flimkien ma' diversi baned oħra. F'din l-okkażjoni, il-Banda flimkien mall-viżitaturi kollha morna nżuru l-Bliet ta' Monaco, Nizza, Monte Carlo, Cannes u Marsilja ġewwa Franza, fejn numru ta' Maltin u Għawdxin li jgħixu hemm, ġew jifirħu bina u magħna. F'dik l-okkażżjoni morna nżuru wkoll Milano u Ġenova.

Nhar is-Sibt 5 ta' Ottubru 1966, il-Banda Mnarja flimkien ma baned oħra għamlet marċ fit-toroq prinċipali tal-Belt ta' San Remo, waqt li fil-għaxija l-istess Banda Mnarja, taħt id-direzzjoni tas-surmast direttur tagħha Mro. Joseph Grech, għamlet programm Mużikali fil-famuż Tijatru Municipali San Remo, li spiċċa bl-lnnu Malti fost iċ-ċapċip ta' dawk preżenti, mhux biss Nadurin, imma anke t-ċittadini tal-post.

**Il-Banda Mnarja responsabbli mill-Festi Esterni:-**

Minħabba li l-Festa Titulari kienet bdiet titlef ħafna mill-entużjażmu u kobor tagħha, fil-parrokat tal-Arċipriet Muscat, il-Kumitat tal-Banda Mnarja għamel talba formali, li l-festi esterni kemm dik ta' San Pietru u San Pawl, kif ukoll dik ta' San Koronatu tieħu ħsibhom il-Banda Mnarja. Dan sar b'kuntratt Notarili, u grazzi għall-ħidma kontinwa tal-Kumitati kollha fi ħdan il-Banda, il-Festa reġgħet kibret u saret waħda mill-Festi Prinċipali kif dejjem kienet ta' Għawdex.

**PROĊETTTAL-MILLENJU IS-Sala TiJATRALI TAL-KAŻ1N**

Meta nbena l-Każin tal-Banda, fost l-oħrajn u bil-ħidma xejn ma taqta; tal-Partitarji, nbniet ukoll is-Sala Tijatrali. Għalkemm il-bini kollu tlesta f'daqqa, u billi l-Kumitati tal-Banda riedu jlaħħqu mal-ispejjes kurrenti, (irridu niftakkru li l-Każin kollu nbeda f'daqqa), din is-sala Tijatrali baqgħet lura. Kien bil-ħidma u l-kuraġġ tal-Kumitat ta' dak in-nhar immexxi mit-tieni President, is-Sur Charles Xuereb li l-Banda daħlet għal dan il-proġett. Sar disinn mis-sur Carmelo Grech, li tqassam fil-Familji kollha tan-Nadur flimkien ma' appell biex permezz ta' offerti u xogħol volontarju din il-ħolma ssir rejalta'. Wara sena sħiħa ta' xogħol, din is-sala

tlestiet u ġie mistieden l-E.T. l-President ta' Malta Dr.Gwido De Marċo, biex jinawgura uffiċċjalment dan it-tijatru, li wara diversi laqgħat mhux biss tal-Kumitati tal-Banda ,imma pariri minn oġrajn, ġie mogħti l-isem ta' MBC Theater. Dak in-nhar il-Banda Mnarja daqqet biċċiet mużikali minn fuq il-palk tal-istess Tijatru, waqt li Mons. Isqof Nikol Cauchi bierek dan it-Tijatru. Kien sar ukoll diskors mill-President tal-banda s-Sur Charles Xuereb.

**IL-BANDA MNARJA FIT-TUNESIJA**

Uħud mill-Bandisti tal-Banda Mnarja, 20 Bandist b'kollox. ġew mistiedna mill-Banda King of Conought ta' B'Kara Malta, biex jingħaqdu magħha ħalli jmorru jdoqqu fil-Karnival ta' Tunisija. Dak in-nhar għal dik l-okkażżjoni, kien ittieħed ukoll il-Karru Karnevalesk tan-Nadur li dik is-sena kien inħadem mis-Sur Salvu Azzopardi.

**IL-BANDA MNARJA FIL-ĠERMANJA:-**

Wara li fil-Festa Titulari tagħna tas-sena 2001, kellna fosna l-Banda Standmusik Engen tal-Ġermanja, li kienu taw diversi programmi f'dik l-okkażżjoni, sena wara, fis-sena 2002, il-Banda Mnarja ġiet mistiedna biex f'Lulju tal-istess sena tmur fil-Ġermanja. Il-banda Mnarja flimkien ma ħafna pertitarji marret u tat mhux inqas minn erba' programmi hemmhekk. Din kienet okkaijoni oħra, sabiex il-Banda Mnarja tagħmel isem. Fil-fatt kienu diversi dawk il-Ġurnalisti li mhux biss irraportaw dan l-avveniment f'Pajjiżhom, imma wkoll li ntervistaw lil President tal-Banda Mnarja, is-Sur Charles Xuereb. Dak in-nhar il-Banda Mnarja għamlet kunċert Mużikali fil-Pjazza Prinċipali tal-post, flimkien ma' programm ieħor u marċijiet fl-okkażżjoni tal-1500 sena tal-Belt Walshington.

Illum il-Banda Mnarja għandha t-tielet Presidernt tagħha fil-persuna ta' James Buttigieg li kemm ilu fi tmun tal-Banda ma qata' xejn fil-ħidma tiegħu, ħalli dak li nbeda 50 sena ilu ikompli l-mixi 'l quddiem. Hu kompla jibni fuq dak tal-presidenti ta' qablu. F'dawn l-aħħar snin, il-kumitat tal-Banda kompla jieħu ħsieb il-każin billi sar ħafna xogħol ta' ristruttament fl-istess Każin. Propju s-sena l-oħra, ġiet inawgurata s-Sala Prinċipali, Sala li ġiet attrezzata b'kollox biex fiha jsiru l-kunċerti tal-Banda. Kompla t-tagħlim tal-allievi tal-Banda, li kull tant taw ukoll prova tas-suċċess tagħhom, billi ħadu sehem f'wirjiet mużikali fl-istess Każin.

Importanti li din l-okkaijoni ta' għeluq il-50 sena ta' ħajja tal-Banda Mnarja, tkun okkazzjoni mhux biss kommemorattiva u li tfakkarna fil-ħidma siewa tal-Kumitati l-imgħoddija, imma li tagħti spinta liż-żgħażagħ Nadurin, biex bħal dawk ta' qabilhom u b'imħabba lejn il-Lokal tagħna, jitħajru jitgħallmu l-arti mużikali u jagħtu ftit mill-ħin tagħhom, ħalli l-Banda Mnarja tkompli miexja 'l quddiem fis-suċċessi tagħha.

L-aħħar kelma, nixtieq insellem lill-Membri kollha tal-ewwel Kumitat tal-Banda Mnarja u lMembri u Bandisti mejtin kollha u nirringrazzjahom għal dak kollu li wettqu biex illum in-Nadur għandu l-Banda Tiegħu. Inħeġġeġ fuq kollox liż-żgħażagħ Nadurin kollha, biex jitħajru jitħarġu fl-arti mużikali u jagħtu l-kontribut tagħhom biex il-Banda Mnarja tkompli tikber u tagħmel unur lin-Nadur tagħna. ***Mons. Gużeppi Cauchi*** **April 2017**